MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 10/2014

Avviz Numru 10/2014

Mobisle Communications Ltd.

vs

Charlene Melanie Cammilleri

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba prezentat fl-1 ta' April 2014 illi permezz tieghu l-Kumpanija Mobisle Communications Limited irreklamat minghand il-konvenuta s-somma ta' disa' mija u

erbghin Ewro u sittin centezmu (€940.60), import ta’ servizz ta’ telefonija cellulari u telekommunikazzjoni bin-numru 79321431 moghtija fuq il-kont numru 40185366. Dan bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra spedita ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru 1960/2013, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn din eccepiet illi (1) ma baqghtex taghmel uzu mis-servizz, (2) il-konvenuta giet accertata illi s-servizz kellu jigi maqtugh wahdu meta jintlahaq certa ammont, (3) l-ammont huwa eccesiv.

Ra l-atti kollha tal-kawza inkluzi, id-dokumenti kollha esebiti u l-provi prodotti.

Sema’ x-xhieda mressqa.
Ra d-digriet tieghu tat-22 ta’ Ottubru 2014 li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi l-kontestazzjoni principali tal-konvenuta f’din il-kawza huma l-kontijiet tas-servizzi li ntuzaw meta kienet fl-esteru. Hi tghid illi r-rapprezentanti tal-kumpanija attrici bit-telefon accertawha (tramite zewgha) illi mal-konsum ta’ erbghin Ewro (€40) kellhom javzawhom u mal-konsum ta’ hamsin Ewro (€50), kellhom iwaqqfulhom is-servizz. L-attrici tghid illi serrhet mohha b’dan. Dan fil-fatt ma sehhx u l-attrici spiccat rinfaccata b’kont.

Il-kumpanija attrici tghid xorta ohra. Tghid illi din il-haga kienet tapplika biss f’pajjizi tal-Unjoni Ewropeja.

Il-pozizzjoni tal-kumpanija attrici hija korroborata minn messagg illi ntbghat fuq dan ic-cellulari tal-konvenuta f’siegha waqfien illi l-konvenuta ghamlet f’ajruport fil-Germanja qabel telqet ghall-Kanada. Ir-ragel tal-konvenuta jikkonferma illi dan il-messagg gie ricevut. Il-messagg gie esebit a fol 17 tal-inkartament processwali.

Kieku l-konvenuta qrat sew dan il-messagg kienet tintebah x’kienu l-kondizzjonijiet. Ma jistax wiehed jghid li dan kien xi messagg twil jew li hu difficli biex taqrah u tifhmu, jew b’xi small print b’hafna kondizzjonijiet u dettalji li wiehed normalment jiskarta. Kien

messagg konciz u car. Kien jghid illi dak li jghid japplika biss ghal pajjizi fl-Unjoni Ewropeja, u li biex wiehed jattiva s-servizz li kien qed isemmi (u li tirreferi ghalih il-konvenuta) kien jirrikjedi li jirrispondi permezz ta' messagg iehor.

Jidher car illi l-konvenuta u zewgha kienu negligenti u ftit taw kaz x'jghid il-messagg. Min-naha l-ohra t-tezi tal-konvenuta cioe' li zewgha tkellem ma rapprezentamt tal-customer care li qaltu differenti ftit li xejn hi konvincenti, dan specjalment meta jirrizulta illi zewgt il-konvenuta lanqas zamm rekord ma' min ikun qed jitkellem, jew meta saret it-telefonata, u dan sahansitra wara li kien hemm diga' l-problema.

Huwa car illi wara li l-konvenuta ma tatx kas il-messagg baqghet tuza s-servizzi fl-esteru u tellghet kont. Dan il-kont kien pero' jammonta biss ghal mitejn u tmienja u hamsin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€258.21). Jirrizulta li wara dak il-konvenuta baqghet tuza s-servizzi fuq dak ic-cellulari u ma hallsitx taghhom. Lanqas hallset tal-kera mensili skont il-kuntratt.

Kien ghalhekk illi l-kumpanija attrici giet kostretta li twaqqaf is-servizz. Wara tali waqfien tas-servizz il-konvenuta zammet ukoll ic-cellulari li kienet inghatat b'xejn mal-kuntratt u li fl-eventwalita' li jitwaqqaf il-kuntratt kellha tirrifondi jew ahjar thallas penali ta' mitejn u disgha u disghin Ewro (€299), ghalih. Dan skont l-istess kuntratt.

Fid-dawl ta' dan kollu l-ammont reklamat mill-kumpanija attrici jirrizulta misthoqq kollu kemm hu.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet tal-kumpanija attrici; jirrigetta l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' disa' mija u erbghin Ewro u sittin centezmu (€940.60). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza 'l quddiem. L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenuta,

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------